MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH D. CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH A. FILLETTI**

Seduta tat-28 ta' Novembru, 2008

Appell Civili Numru. 73/2002/1

**Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Miżjud**

**v.**

**Carmen Zahra u Charles Zahra**

**Il-Qorti:**
**<u>PRELIMINARI</u>**

1. Dan hu appell ad istanza tal-konvenuti Carmen Zahra u Charles Zahra li permezz tiegħu qegħdin jitolbu lil din il-Qorti ta' l-Appell tħassar u tirrevoka s-sentenza mogħtija mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fil-25 ta' Mejju 2006 fil-kawza fl-ismijiet premessi.

Għall-aħjar intendiment ta' dan l-appell is-sentenza appellata qegħda tiġi hawnhekk riprodotta fl-intier tagħha:
"Il-Qorti:

"Rat ic-citazzjoni pprezentata mill-attur fil-25 ta' Jannar, 2002, li *in forza* taghha, wara li ppremetta illi:

"L-attur jinsab kreditur tal-konvenuti fis-somma ta' dsatax-il elf u tlieta u hamsin Liri Maltin (Lm19,053.00) flimkien ma' l-imghax ulterjuri mit-12 ta' Novembru, 2001 bilanc ta' taxxa fuq il-Valur Mizjud dovuta mill-istess konvenuti peress illi l-konvenut Charles Zahra kien ufficjal u Direttur Manigerjali tas-socjeta` *Rees Furniture Company Limited* li taghha l-imsemmija taxxa hija dovuta.

"Din it-taxxa ilha hekk dovuta ghall-perjodu li jirrisali addirrittura anki mill-1 ta' April, 1995 u saru diversi proceduri gudizzjarji kontra s-socjeta` *Rees Furniture Company Limited* u kontra l-konvenuti u dan anki permezz ta' Mandat ta' Qbid numru 3905/99JV li wassal ghas-Subbasta numru 352/99.

"Matul is-snin li kienu qed isiru l-ezekuzzjonijiet u precizament fis-6 ta' Awwissu, 1998, il-konvenuti konvenjentement ghaddew biex permezz ta' kuntratt fl-atti tan-Nutar Anthony Attard li kopja tieghu qed tigi hawn ezebita u markata bhala Dok. *"A"*, iddikjaraw li qed jillikwidaw il-komunjoni ta' l-akkwisti. Illi, anki *ictu oculi* meta wiehed ihares lejn l-istess xoljiment ta' l-istess komunjoni ta' l-akkwisti huwa car u ovvju illi l-uniku skop illi sar l-imsemmi kuntratt huwa biex jevadi u jeludi d-drittijiet tal-kredituri fosthom dik ta' l-attur, peress li s-socjeta` *Rees Furniture Company Limited* kienet waqfet u dahlet f'diffikultajiet finanzjarji kbar. Ta' min isemmi, illi fil-kuntratt, il-beni kollha tal-komunjoni, l-partijiet ippretendew li jaqblu li jghaddu lill-konvenuta Carmen Zahra filwaqt li l-azzjonijiet tas-socjeta` *Rees Furniture Company Limited* li ma kienu jiswew assolutament xejn fid-data ta' l-imsemmi kuntratt ta' separazzjoni jghaddu f'idejn il-konvenut Carmelo sive Charles Zahra. Illi, *di piu'* Charles Zahra

assuma d-debiti kollha tal-komunjoni ta' l-akkwisti bl-imsemmi kuntratt.

"Wara li sar l-imsemmi kuntratt, il-konvenuti ghaddew biex *a bazi* ta' l-istess kuntratt, jitolbu s-sospensjoni tal-proceduri ezekuttivi u dan peress illi skond huma il-proprjeta` ma kenitx aktar tal-komunjoni jew ta' Charles Zahra imma saret tal-konvenuta Carmen Zahra.

"L-imsemmi kuntratt huwa null peress illi sar b'intenzjoni frawdolenti u vizzjat b'qerq.

"Talbu lill-konvenuti jghidu ghaliex din l-Onorabbli Qorti m'ghandhiex:

"(1). Tiddikjara illi l-kuntratt li sar fis-6 ta' Awwissu, 1998 fl-atti tan-Nutar Dottor Anthony Attard u li kopja tieghu qed tigi hawn ezebita u markata Dok *"A"* fejn il-partijiet hassru u xoljew u tterminaw il-komunjoni ta' l-akkwisti ezistenti bejniethom huwa frawdolenti u li ghalhekk huwa null u invalidu fil-ligi;
"(2). Tirrexxindi, tannulla u thassar l-effetti kollha ta' l-istess kuntratt tas-6 ta' Awwissu, 1998 fl-atti tan-Nutar Dottor Anthony Attard fuq imsemmi; u

"(3). Tiffissa jum, hin u lok ghall-pubblikazzjoni ta' l-att ta' kancellament u rexxissjoni opportuna u tinnomina Nutar Pubbliku sabiex jippubblika l-istess u Kuraturi Deputati sabiex jirraprezentaw l-eventwali kontumaci fuq l-istess att ta' rexxissjoni u thassir u kancellament.

"Bl-ispejjez kontra l-konvenuti li huma ngunti sabiex jidhru ghas-subizzjoni.

"Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenuti li *in forza* taghha eccepew illi:

"1. Id-domandi attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt *stante* illi l-kuntratt ta' separazzjoni tal-beni tas-6 ta' Awwissu, 1998 fl-atti tan-Nutar Dottor Anthony Attard ma sarx b'mod frawdolenti u mhux ivizzjat b'qerq.

“2. L-azzjoni odjerna hija preskritta *a tenur* tal-Artikolu 1222 (1) tal-Kodici Civili.

“3. Bla pregudizzju ghal premess illi kif jistipula l-Artikolu 1324 tal-Kodici Civili atti normali tal-gestjoni ta’ kummerc, negozju jew professjoni li kienu qed jigu ezercitati minn Charles Zahra kienu vestiti biss fih li fil-fatt hija dik il-parti li kienet qed tezercita dak il-kummerc, negozju jew professjoni anke fejn dawk l-atti kieku ma kienux maghmula *in relazzjoni* ma’ dik is-sengha, negozju jew professjoni kienu jikkostitwixxu amministrazzjoni straordinarja u ghalhekk Carmen Zahra ma kellha x’taqsam xejn man-negozju ta’ *Rees Furniture Co*. *Ltd* u kull dejn li talvolta seta’ kien dovut lill-Kummissarju tal-VAT kien *a karigu* tal-istes socjeta` amministrata minn Charles Zahra.

“4. Kull debitu dovut minn *Rees Furniture Limited* qatt ma jista’ jkun *a karigu* tal-komunjoni tal-akkwisti tal-konjugi Zahra u *se mai* jistghu biss jinfurzaw it-talba taghhom *in subsidium* kontra l-beni li jkunu parti mill-komunjoni tal-akkwisti izda biss sal-valur ta’ dik il-parti jkollha mill-komunjoni tal-akkwisti.

“5. Ghalhekk *per konsegwenza* illi l-attur m’ghandux dritt jitlob ix-xoljiment tal-kuntratt ta’ separazzjoni tal-beni imma seta’ biss jitlob illi jithallas *in subsidium* sal-valur ta’ nofs il-beni li kienu jiffurmaw parti mill-komunjoni tal-akkwisti, pero` qatt kontra l-beni parafernali ta’ Carmen Zahra u dan kif jistipula l-Artikolu 1330 tal-Kodici Civili.

“6. Fi kwalunkwe kaz l-eskussjoni tal-beni ta’ Charles Zahra ghandha ssir *in subsidium* tal-beni ta’ *Rees Furniture Limited* u tal-beni parafernali ta’ Charles Zahra u sussegwentement fuq il-valur tan-nofs tal-komunjoni tal-akkwisti.

“7. Gialadarba l-gudizzju mhux integru kellhom jigu mharka *Rees Furniture Co*. *Ltd*, u dan biex issir l-eskussjoni tal-proprjeta` tas-socjeta` qabel ma’ l-proprjeta` parafernali ta’ Charles Zahra tigi eskussa.

“8. Salv eccezzjonijiet ohra.

“Rat id-dikjarazzjonijiet guramentati tal-partijiet;

“Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti ezebiti;

“Semghet il-provi li ressqu l-partijiet;

“Semghet lid-difensuri tal-partijiet;

“Rat in-nota tal-osservazzjonijiet tal-attur;

“Rat li l-kawza giet differita ghal-lum ghas-sentenza;

“Ikkunsidrat;

“Illi jidher mill-provi prodotti li s-socjeta` *Rees Furniture Co. Ltd* hija debitrici fis-somma ta’ Lm19,053 favur l-attur. Skont il-ligi li tirregola l-hlas tat-taxxa fuq il-valur mizjud (VAT), dan id-dejn huwa responsabbilita` mhux biss tal-kumpanija li kienet registrata mad-dipartiment, izda ta’ kull direttur jew ufficcjal iehor li kellu t-tmexxija effettiva tal-kumpanija. Il-kumpanija *in kwistjoni* kienet, tista’ tghid, *a one man company* u kienet imexxija mill-konvenut Charles Zahra.

“Jidher li l-kumpanija waqghet lura fil-hlas tal-VAT dikjarat minnha stess, u sas-sena 1996, is-somma dovuta kienet gia` telghet ghall-ammont sostanzjali. Bdew isiru diversi diskussjonijiet mas-Sur Zahra, li ghalkemm kien debitament jimla l-formali tal-VAT, u jiddikjara kemm kellu jhallas, kien waqa’ lura fil-pagamenti. Fid-diskussjonijiet li s-Sur Zahra kien ikollu mad-dipartiment tal-VAT, hu qatt ma cahad li kien hemm amont dovut, izda kien jallega li kien hemm hafna nies li kellhom ihallsuh ta’ xogholu, izda ma kienux hallsuh, u, ghalhekk, ma kienx f’pozizzjoni li jhallas lill-hafna kredituri tieghu, fosthom id-dipartiment tal-VAT. Il-konvenut qatt ma gab prova tad-diversi flus li, skont hu, kellu jiehu, pero`, ghalkemm kien dejjem jitlob ftit aktar zmien biex ihallas, qatt ma wasal.

"Id-dipartiment tal-VAT ghamel zmien jistenna lis-Sur Zahra jasal ghall-hlas, pero`, wara li d-dipartiment ra li ma kienx se jasal li jhallas is-somma dovuta, bdiet sensiela ta' proceduri gudizzjarji kontra l-kumpanija u kontra Charles Zahra personalment. Fit-18 ta' Marzu, 1997, intbaghtet Ittra Ufficjali biex id-dejn jigi rez ezekuttiv *ai termini* tal-ligi. Wara din l-ittra, inhareg Mandat ta' Sekwestru, u fit-18 ta' April, 1997, Mandat ta' Qbid fil-fabbrika tas-Sur Zahra. Peress li bis-sahha ta' dan il-mandat gew elevati oggetti li *"sparixxew"*, inhareg Mandat ta' Qbid iehor u din id-darba, intalbet elevazzjoni ta' diversi oggetti li kienu jinsabu fir-residenza tas-Sur Zahra; sussegwentement intalab li l-oggetti elevati jinbieghu bis-subbasta taht l-awtorita` tal-Qorti.

"Qabel ma sehh il-bejgh bis-subbasta, il-konvenuta Carmen Zahra resqet oppozizzjoni ghall-bejgh tal-oggetti elevati peress li qieset li dawk l-oggetti kienu beni parafernali taghha kif jirrizulta mill-kuntratt ta' separazzjoni tal-beni tas-6 ta' Awwissu, 1998, fl-atti tan-Nutar Dottor Anthony Attard. Talbet u ottjeniet is-sospensjoni tal-bejgh bis-subbasta tal-oggetti elevati u tad-dar taghhom li wkoll kellha tinbiegh bis-subbasta.

"Mill-atti jirrizulta li l-proceduri kontra s-Sur Zahra kienu bdew qabel il-pubblikazzjoni tal-kuntratt tas-separazzjoni tal-beni. Il-Mandat ta' Sekwestru nhareg fl-14 ta' Jannar, 1997, u fl-istess epoka inhareg Mandat ta' Qbid fuq l-oggetti li kien hemm fil-fabbrika ta' *Rees Furniture*. Il-bejgh bis-subbasta ta' dawn l-oggetti kien gie sospiz wara li kien irrizulta illi l-kumpanija kienet *"kriet"* il-makkinarju lis-socjeta` *Ideal Dwellings Manufacturing Ltd*. Il-makkinarju iccaqlaq mill-post fejn kien (*nonostante* l-hrug tal-Mandat ta' Qbid) u ittiehed f'diversi postijiet ta' terzi. Kien wara dan li ittiehdu proceduri fuq l-assi personali tas-Sur Zahra.

"L-attur qed jallega li l-kuntratt ta' separazzjoni tal-beni ippubblikat fis-6 ta' Awwissu, 1998, sar bi frodi tal-interessi tieghu bhala kreditur, u qed jattakka dak il-kuntratt bl-azzjoni imsejha l-*actio pauliana*, regolata fl-Artikolu 1144 tal-Kodici Civili. Biex tirnexxi din l-azzjoni, l-

attur kreditur irid jipprova zewg elementi importanti, li huma l-pregudizzju li sofra bl-att impunjat (*eventus damni*) u l-qerq ta' parti tad-debitur u l-parti l-ohra li dehret fuq l-att impunjat (*consilium fraudis* u *partecipatio fraudis*).

"Dwar l-element ta' dannu, jidher car li bl-att impunjat, il-kreditur sejjer isofri pregudizzju. Diga` il-kumpanija *Rees Furniture* iddisponiet mill-assi taghha, u meta l-kreditur, allura, dar fuq Charles Zahra personalment (bhala debitur *in solidum* mal-kumpanija ghall-hlas tal-VAT), dan ghadda l-assi personali kollha tieghu fuq martu, inkluz id-dar u l-ghamara ta' go fiha, bir-rizultat li s-Sur Zahra spicca insolventi, bla assi u proprjeta` ta' xejn hlief ishma f'kumpanija falluta. Fil-fatt, is-Sur Zahra ma ipprevalixxix ruhu mill-beneficcju ta' diskussjoni biex juri li ghandu assi ohra biex jaghmlu tajjeb ghad-dejn tal-attur, u allura ghandu jitqies li b'dan l-att is-Sur Zahra svesta ruhu mill-assi tieghu b'mod li illum jinsab insolventi. Il-pregjudizzju li sofra l-attur bl-att impunjat jirrizulta, ghalhekk, pruvat.

"Ghar-rigward tal-*consilium fraudis*, il-gurisprudenza taghmilha cara li mhux mehtieg l-intenzjoni li taghmel hsara. Kif qalet l-Onorabbli Qorti tal-Appell fil-kawza "Calleja vs Grima", deciza fl-10 ta' Jannar, 1955, *"l-animus nocendi mhux mehtieg biex tigi ezercitata l-azzjoni revokatorja, imma hu bizzejjed li jkun hemm ix-xjenza u l-previzzjoni li l-att sejjer ikun leziv ghall-kreditur"* (ara wkoll "Cassar Pullicino noe vs Pace", deciza minn din il-Qorti fil-15 ta' Ottubru, 2003, u "Bugeja vs Terrible", deciza minn din il-Qorti fis-7 ta' Jannar, 1936). Intqal ukoll fil-kawza "Pace vs Portanier", deciza mill-Onorabbli Qorti tal-Appell fid-29 ta' Marzu, 1957, illi *"l-intenzjoni frawdolenta tad-debitur hija prezunta meta huwa jkun ghamel l-att pregudizzjevoli ghall-kredituri fil-waqt li kien jaf li ga kien insolvibbli, jew li jsir insolvibbli b'dak l-att, u din ix-xjenza da parti tieghu ghandha tigi facilment ammessa, billi hija haga inverosimili li wiehed ma jkunx edott mill-affarijiet tieghu sa dak il-punt"* (ara applikazzjoni ta' dan il-principju fil-kawza "Portelli vs Agius", deciza mill-Onorabbli Qorti tal-Appell fit-12 ta' Lulju, 2005).

"F'dan il-kaz, il-konvenut Charles Zahra kien ben konxju tas-sitwazzjoni inwera tieghu, kien jaf li l-attur kien qed jinsisti ghall-hlas u kien jaf li l-unici assi li kellu kienu d-dar u l-ghamara go fiha. Hu, allura, ra x'jaghmel biex dawn l-assi ma jibqghux jidhru fuq ismu u b'hekk, irrendi lilu innifsu insolvibbli.

"Dwar l-element ta' *partecipatio fraudis*, dan jinkonkorri kull meta t-terz jaf li qieghed jaghmel negozju guridiku li huwa ta' hsara ghall-kreditur; il-fatt li t-terz jaf li l-kontroparti ghandu inkwiet finanzjarju, iwassal ghall-ezistenza ta' din ix-xjenza (ara <u>"Ciancio vs Buontempo"</u>, deciza mill-Onorabbli Qorti tal-Appell fl-20 ta' Novembru, 1950). Ghalkemm, f'dan il-kaz, il-konvenuta Carmen Zahra tallega li hi ma taf xejn u ma tifhimx fuq l-affarijiet ta' zewgha, din il-Qorti mhux konvinta li hija kienet kompletament fid-dlam dwar dak li kien qed jigri madwarha. Hu facli li wiehed jghid li ma jafx jew li ma jiftakarx, pero`, il-Qorti ma temminx li hi kienet tant mohha f'affarijiet ohra li ma kienetx taf li zewgha kellu problemi finanzjarji. Il-flus tal-hajja ma kienetx tehodhom dejjem xorta ghax, fi kliema, kienet taf *"li jkollu problemi finanzjarji"*, iza tibqa' tghid li ma tafx ghaliex iffirmat il-kuntratt ta' separazzjoni tal-beni. Hi tghid li kienet thalli kollox f'idejn l-Avukat taghha, pero`, lil dan kienet zgur tghidlu xi trid; Avukat, hu notorju, huwa il-mandatarju tal-klient, u jekk klient halla kollox f'idejn il-mandatarju, ma jistax jahrab mill-obbligazzjonijiet tieghu billi jghid li ma jafx x'ghamel il-mandatarju. Il-mandant f'ebda hin ma allegat li l-mandatarju taghha ghamel xi haga kontra r-rieda taghha jew ecceda l-poteri moghtija lilu, u allura dak li ghamel il-mandatarju jitqies li sar b'approvazzjoni u xjenza taghha, u ma tistax tghid li hi ma taf xejn. Il-Qorti hi konvinta li Carmen Zahra kienet taf is-sitwazzjoni imwera li hi u zewgha kienu jinsabu fiha, u li huma raw kif jaghmlu biex ikellmu Avukat halli *"jirrangalhom"* l-affarijiet. Il-kuntratt *in kwistjoni* sar *"fi zmien suspettuz"*, u sar miz-zewg partijiet bi hsieb wiehed li jigi frawdat il-kreditur attur. Il-fatt li l-konvenuta Carmen Zahra hadet fuq isimha kwazi l-assi kollha tal-familja, ikompli juri li hi kienet taf bl-effetti ta' dak li kien qed isir fil-konfront tal-attur ukoll. Hi hadet il-gid u zewgha ha d-dejn kollu fuq ismu, u b'dan hi kienet

ben konxja ghax johrog car mill-kuntratt impunjat. Ic-cirkustanzi kollha li jemergu mill-kaz juru, fil-fehma tal-Qorti, il-hsieb ta' qerq anke *da parti* tal-konvenuta Carmen Zahra.

"Hija wkoll konferma ta' dan kollu dak li qal l-istess konvenut Charles Zahra, fis-sens li, minhabba l-problemi finanzjarji tieghu, hu kien gieli jhalli lill-martu bla flus; *"eventwalment il-mara saret taf li kelli hafna dejn u kienet saret taf bil-problemi li jiena kelli u ghalhekk kienet talbitni biex naghmel dak il-kuntratt"*. Din l-istqarrija tkompli turi bic-car li l-konvenuta kienet konxja tas-sitwazzjoni u dak li ghamlet, ghamlitu bi hsieb u b'intenzjoni li ttellef lill-attur minn dak li hu dovut lilu.

"Il-konvenuti jecepixxu wkoll il-preskrizzjoni tal-azzjoni *a bazi* tal-Artikolu 1222(1) tal-Kodici Civili. Il-Qorti, pero`, tqis li l-preskrizzjoni eccepita mhux applikabbli ghall-kaz, peress li l-azzjoni ta' rexissjoni hemm kontemplata tapplika ghall-azzjoni bejn il-partijiet fuq l-att, u mhux meta l-att ikun qed jigi attakkat minn terzi. Hu principju li l-*actio pauliana* hi, fil-fatt, soggetta ghall-preskrizzjoni ta' 30 sena – ara "Sciortino vs Micallef", deciza mill-Onorabbli Qorti tal-Appell fil-5 ta' Gunju, 1959.

"Ghalkemm mhux strettament necessarju, il-Qorti tixtieq tikkumenta fuq it-tielet eccezzjoni tal-konvenut peress li dak riprodott f'dik l-eccezzjoni huwa, fil-fatt, esposizzjoni skorretta tal-ligi. L-Att XI tal-1993 dahhal, ghall-ewwel darba f'Malta, id-distinzjoni bejn atti ta' amministrazzjoni ordinarja, li jistghu jitwettqu minn kull wahda mill-partijiet mizzewga bir-regim tal-komunjoni tal-akkwisti, u atti ta' amministrazzjoni straordinarja, li jistghu jitwettqu mill-mizzewgin flimkien. Biex jigi evitat li r-ragel joqghod *"igorr"* lill-martu kull fejn jezercita n-negozju tieghu, l-Artikolu 1324 ipprovda li atti ta' amministrazzjoni straordinarja li, pero`, huma atti normali ta' gestjoni ta' kummerc jew negozju, jistghu jigu ezercitati mill-persuna li qed jiggestixxi dak il-kummerc jew negozju, izda dawk l-atti xorta jifformaw parti mill-kommunjoni tal-akkwisti, tant li l-Artikolu 1330 jipprovdi li meta l-komunjoni tal-akkwisti ma tiflahx thallas id-dejn naxxenti minn dawk l-atti, il-

kreditur *in subsidium* jista’ jdur fuq l-assi parafernali biss tal-persuna li tkun wettqet dawk tal-atti; principalment, pero`, id-dejn li jirrizulta minn dawk l-atti hu dejn ta’ komunjoni tal-akkwisti. Fuq kollox, f’dan il-kaz, ma jirrizultax li d-dejn *in kwistjoni* inholoq b’rizultat ta’ xi att ta’ amministrazzjoni straordinarja; anzi, l-indikazzjonijiet juru li d-dejn huwa rizultat ta’ amministrazzjoni ordinarja *da parti* ta’ Charles Zahra tal-assi tal-komunjoni (l-ishma fil-kumpanija), u, *kwindi*, f’kull kaz, dan id-dejn hu wiehed li jidhol fil-kommunjoni tal-akkwisti li kellhom il-konjugi Zahra. *Kwindi*, anke kieku l-ftehim tas-6 ta’ Awwissu, 1998, kien validu, dak il-ftehim, skond l-Artikolu 1244(1) tal-Kodici Civili, jitqies *“minghajr hsara tal-jeddijiet tat-tfal jew ta’ terzi persuni”*. Id-dejn tal-attur kien jipprecedi l-att u, allura, f’kull kaz, ma jistax ikun ta’ pregjudizzju ghad-drittijiet tieghu.

“Fl-ahhar nett, il-Qorti tirrileva li meta kreditur jirnexxi fl-*actio pauliana*, il-beneficcju ma jgawduhx kredituri ohra, izda l-kreditur biss li jmexxi l-azzjoni. Din hi azzjoni li ma issirx f’isem il-kollettivita` tal-kredituri (kif, min-naha l-ohra, hija *actio debitor debitoris mei*), izda issir *“f’ismu”*, u kwindi l-effett ta’ din is-sentenza huwa limitat ghall-kreditur attur biss.

“L-attur talab ukoll il-pubblikazzjoni tal-att ta’ rexxissjoni. Apparti l-fatt li l-att mhux se jigi rexxiss, izda fil-konfront tal-attur se jigi dikjarat li ma jiswiex, f’kull kaz mhux mehtiega in-nomina ta’ Nutar biex jippubblika l-att relattiv u kuraturi biex jirrapprezentaw il-kontumaci, *in vista* tal-fatt, li skond l-Artikolu 239(1) tal-Kodici ta’ Procedura Civili, l-iskrizzjoni tas-sentenza fir-Registru Pubbliku, biex ikollha effett fil-konfront tat-terzi, tista’ ssir minn kull min ghandu interess *in forza* tal-istess sentenza (Art. 239(2)) – ara “Sapiano vs Galea”, deciza minn din il-Qorti fit-30 ta’ Gunju, 1955.

“Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet premessi, tiddisponi mill-kawza billi tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenuti, inkluza dik ta’ preskrizzjoni, u tilqa’ l-ewwel zewg talbiet billi fil-konfront tal-attur tiddikjara null u bla effett il-kuntratt ta’ separazzjoni tal-beni li kien sar bejn il-konvenuti fis-6 ta’

Awwissu, 1998; tastjeni milli tiehu konjizzjoni tat-tielet talba.

"L-ispejjez kollha tal-kawza ghandhom jithallsu mill-konvenuti *in solidum* bejniethom.

**IR-RIKORS TA' L-APPELL TAL-KONVENUTI CARMEN U CHARLES ZAHRA:**

2. L-atturi ħassew ruħhom aggravati bis-sentenza fuq citata u interponew appell kongunt minnha fejn r-revoka taghha bl-ispejjez kontra l-appellat. L-aggravji tagħhom (għalkemm mhux enumerati) jistgħu jiġu miġbura u sintesizzati kif ġej:

(1) Huma jargumentaw illi s-sentenza appellata ma tistax tagħmel stat fil-konfront ta' Carmen Zahra meta hija qatt ma kienet azzjonista u/jew ufficjal tal-kumpanija *Rees Furniture Company Ltd* u qatt ma kienet ġiet iddikjarata debitrici tal-Kummissarju permezz ta' ittra ufficjali jew titolu ezekuttiv ieħor, u dan peress li l-liġi tipprekludi lill-Kummissarju tal-VAT li jagħmel dan stante li hija ma taqax "*within the limits*" permezz ta' l-Artikolu 66(1) ta' l-Att XXIII tas-sena 1998;

(2) L-appellanti jsostnu ukoll illi l-*partecipatio fraudis* min-naħa ta' Carmen Zahra ma tissustix stante li hija kienet sajma għal kollox mid-dejn li *Rees Furniture Company Ltd* kellha mal-Kummissarju tal-VAT. Jargumentaw illi l-*actio pauliana* qatt ma tista' tiġi promossa fil-konfront ta' Carmen Zahra peress li hija qatt ma ġiet iddikjarata debitrici ta' l-istess Kummissarju, u wkoll qatt ma seta' kien hemm frodi da parti tagħha meta hija qatt ma kienet jew qatt ma saret parti mid-dejn pretiż mill-Kummissarju. Jinsistu ukoll li lanqas ma jissussisti l-qerq da parti ta' Charles Zahra u li hu kien fi ħsiebu jħallas id-dejn, kif effettivament kien beda jagħmel;

(3) L-appellanti jinsistu li l-kuntratt tax-xoljiment tal-komunjoni ta' l-akkwisti <u>per se</u> ma jistax jiġi meqjus bħala azzjoni biex Charles u/jew martu Carmen jingannaw lill-

attur. Huma jaccennaw għall-fatt li wara li sar il-kuntratt tax-xoljiment il-konjuġi Zahra ma baqgħux jgħixu taħt l-istess saqaf u ma baqgħux jgħixu bħala koppja miżżewġa. Huma jgħidu li r-relazzjoni ta' bejniethom ippeġġjorat u Carmen Zahra riedet tieħu sehemha u ma jkollha x' taqsam xejn ma' żewġha Charles Zahra li la jmantni lilha u lanqas lil uliedhom u fil-fatt tgħix bir-*'relief'* tal-Gvern.

(4) Jinsistu fl-ahharnett illi jekk il-Qorti tħoss li Charles Zahra huwa responsabbli għad-dejn li għamel mal-Kummissarju tal-VAT, ir-responsabilita` għandha tasal sa sehmu mill-komunjoni ta' l-akkwisti u mhux testendi anke fuq l-assi parafernali ta' martu.

**IR-RISPOSTA TA' L-ATTUR KUMMISSARJU TAT-TAXXA FUQ IL-VALUR MIŻJUD GHALL-APPELL TAL-KONVENUTA:**

3.1 L-attur appellat wieġeb li l-appell interpost mill-konvenuti għandu jiġi miċħud, bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-konvenuti appellanti.

3.2 Dwar l-ewwel aggravju, l-appellat isostni li l-fatt li Carmen Zahra ma kellha qatt x'taqsam mas-socjeta` *Rees Furniture Company Ltd* huwa rrilevanti għall-mertu ta' din il-kawża. L-azzjoni ta' l-attur kienet intiza biex jiġi annullat il-kuntratt tax-xoljiment tal-komunjoni ta' l-akkwisti u b'hekk il-proprjeta` tal-komunjoni tibqa' fl-istat li kienet qabel.

Kif anke jammettu l-appellanti stess, fir-raba' aggravju tagħhom, il-Kummissarju tal-VAT għandu "ta' l-anqas" dritt li jaġixxi u jazzjona lil Charles Zahra u jinforza t-talba tiegħu kontra l-beni li jkunu parti mill-komunjoni sal-valur li l-istess Charles Zahra għandu mill-komunjoni tal-akkwisti.

3.3 Dwar it-tieni aggravju, l-appellat jinsisti li Carmen Zahra kienet ben konsapevoli mill-problemi finanzjarji li kellu żewġha u li mhux kredibbli li wieħed jgħid li hija kienet kompletament injara minn dak li qed jiġri.

3.4 Dwar it-tielet aggravju, u cioe` l-accenn għas-sitwazzjoni tas-separazzjoni *de facto* tal-koppja wara li sar il-kuntratt tax-xoljiment tal-komunjoni l-appellat iħoss li hija ħaġa pjuttost kontradittorja li minkejja s-sitwazzjoni difficli ta' bejnu u martu Carmen, Charles Zahra kien tant ġeneruz li jgħaddilha l-propjeta` kollha tal-komunjoni tal-akkwisti u hu jibqa' biss bid-djun.

## SFOND TAL-KAWŻA

4. L-attur, il-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Miżjud, għamel din il-kawża sabiex il-Qorti tiddikjara null u bla effett il-kuntratt tas-6 ta' Awwissu 1998[1] fl-atti tan-Nutar Dottor Anthony Attard li permezz tiegħu il-konvenuti llikwidaw il-komunjoni ta' l-akkwisti eżistenti bejniethom. Permezz ta' dan il-kuntratt, Carmen Zahra ġiet assenjata d-dar "Orieloc", li tinsab fi Triq is-Sultana, Paola, il-kamra tas-sodda u l-għamara kollha fid-dar, it-*television*, il-*washing machine*, u il-vettura bin-numru ta' reġistrazzjoni DSJ-724, filwaqt li Charles Zahra żamm l-ishma fil-kumpanija *Rees Furniture Co. Ltd* (socjeta` bi problemi finanzjarji kbar[2]) u d-dejn kollu tal-komunjoni ta' l-akkwisti. Jiġi osservat li fil-kuntratt ma saret l-ebda referenza għal flejjes jew kontijiet il-bank.

Il-Kummissarju tat-Taxxa irrikorra għal din l-azzjoni pawljana peress li bħala konsegwenza ta' dan il-kuntratt li sar waqt li kienu qed jittieħdu proceduri eżekuttivi kontra *Rees Furniture Co. Ltd.* u kontra Charles Zahra bħala direttur ta' l-istess socjeta`, l-istess Kummissarju ma setax ikompli jesegwixxi t-titolu tiegħu gialadarba issa l-proprjeta` attiva ma baqgħetx iktar tal-komunjoni jew ta' Charles Zahra, iżda saret proprjeta` parafernali ta' martu Carmen Zahra.

## KUNSIDERAZZJONIJET TA' DIN IL-QORTI :

---

[1] Fol 6 - 9 tal-process

[2] Fil-fatt is-socjeta` *Rees Furniture Co. Ltd.* ġiet stralcjata b' effett mis-27 ta' April 1999 (ara sentenza tal-25.10.2002 ezebita a fol 103-105)

5. L-appellanti fl-**ewwel** aggravju tagħhom jaccennaw għall-Artikolu 66(1)[3] ta' l-Att dwar it-Taxxa fuq il-Valur Miżjud u jsostnu li Carmen Zahra qatt ma kellha x'taqsam mas-socjeta` *Rees Furniture Co. Ltd*. ladarba hija ma kenitx "rappreżentanta" tas-socjeta` skond dan l-istess artikolu. L-implikazzjonijiet ta' din id-definizzjoni huma ta' certu portata peress li skont l-Artikolu 66(5) ta' l-istess att min huwa kkunsidrat bħala "rappreżentant" ikollu responsabilita` *solidali* mas-socjeta` li jkun qed jirrapreżenta għall-finijiet tat-taxxa dovuta minn dik is-socjeta`. L-appellanti jargumentaw illi ladarba Carmen Zahra ma kenitx rappreżentanta tas-socjeta` *Rees Furniture Co. Ltd*. allura ma setgħetx tiġi kkundannata għall-ħlas tal-bilanc dovut lill-Kummissarju.

6. Din il-Qorti pero` (bħall-appellat) ma tarax ir-rilevanza ta' dan l-argument għall-kawża odjerna. Hawnhekk si tratta ta' azzjoni sabiex jiġi annullat il-kuntratt li in forza tieghu ġiet likwidata l-komunjoni ta' l-akkwisti eżistenti bejn il-konjuġi Zahra, u dan sabiex il-proprjeta` tal-komunjoni tibqa' fl-istat li kienet qabel ma sar l-istess kuntratt jigifieri qabel sehhet is-separazzjoni tal-beni bejniethom. Din l-azzjoni ma saritx sabiex Carmen Zahra tiġi meqjusa bħala debitrici flimkien ma' żewġha fil-konfront ta' l-appellat kreditur, iżda saret invece sabiex l-appellat ikun jista' jenforza <u>effettivament</u> l-pretenzjonijiet tiegħu kontra Charles Zahra (li huwa r-rappreżentant tas-socjeta` skond l-Artikolu 66(1) ta' l-Att).

7. L-appellanti fir-**raba**' aggravju tagħhom jinsistu li r-responsabilita` ta' Charles Zahra għad-dejn li għamel mal-Kummissarju tal-VAT għandha tasal biss sa sehemu mill-komunjoni ta' l-akkwisti u mhux testendi wkoll għall-assi parafernali ta' martu. Il-kwistjoni kollha pero` inqalgħet proprju għaliex bil-kuntratt tas-6 ta' Awwissu 1998 fl-atti

---

[3] Artikolu 66(1) ta' l-Att dwar it-Taxxa fuq il-Valur Miżjud jistipula hekk:

*"Kull segretarju, manager, direttur, stralcjarju jew ufficjal principali ieħor ta' enti jew korp ta' persuni, kull werriet u eżekutur testamentarju u kull kuratur ta' l-eredita` vakanti ta' persuna mejta, u kull min ikun tutur, kuratur, amministratur jew trustee ta' xi persuna oħra jew ta' xi trust, fund, jew enti ieħor għandu jkun rappreżentant, għall-għanijiet ta' dan l-Att, ta' dak il-korp ta' persuni, persuna mejta, persuna oħra, trust, fund, jew enti ieħor, skond il-każ.*

tan-Nutar Dr. Anthony Attard li bih ġiet likwidata l-komunjoni ta' l-akkwisti, Charles Zahra ġie żvestit mis-sehem tiegħu ta' l-assi tal-komunjoni ta' l-akkwisti. Permezz tal-kuntratt tas-6 ta' Awwissu 1998 surreferit, is-sehem attiv li kellu Charles Zahra mill-komunjoni ta' l-akkwisti u li fuqu seta' effettivament idur l-appellat kreditur, sar proprjeta` parafernali ta' martu, bil-konsegwenza li l-istess appellat kreditur tqiegħed fl-impossiblita` li jesegwixxi l-pretensjonijiet tiegħu kontra Charles Zahra bħala rappreżentant tas-socjeta` *Rees Furniture Co. Ltd*. Għalhekk, l-iskop ta' l-azzjoni odjerna ma kienx proprjament sabiex l-appellat kreditur ikun jista' idur fuq il-proprjeta` parafernali ta' Carmen Zahra iżda kien sabiex is-sehem ta' Charles Zahra mill-komunjoni ta' l-akkwisti jerġa' jikkonsisti fl-assi li kellu qabel is-6 ta' Awwissu 1998.

8. Tqum imbaghad il-kwistjoni dwar il-*partecipatio fraudis* da parti ta' Carmen Zahra. L-appellanti fit-**tieni** aggravju tagħhom jinsistu li ma nġabet l-ebda prova li Carmen Zahra kienet konsapevoli ta' l-istat finanzjarju ħażin ta' żewġha. Minn ezami tal-atti jirriżulta li dan il-punt diġa` ġie ampjament trattat mill-ewwel Qorti u hija waslet għall-konklużjoni li minkejja l-fatt li Carmen Zahra xehdet li hija ma taf xejn u li ma tifhimx fl-affarijiet ta' żewġha, Carmen Zahra kienet ghal kuntrarju ben konxja tas-sitwazzjoni imwera li hija u żewġha kienu jinsabu fiha. Fil-fehma ta' l-ewwel Qorti, ic-cirkustanzi tal-każ juru l-ħsieb tal-qerq anke da parti ta' Carmen Zahra.

9. Din il-Qorti wara li eżaminat bir-reqqa u kkunsidrat ic-cirkustanzi tal-każ tikkondividi l-fehma tal-ewwel Qorti u ghalhekk taddotta u tagħmel tagħha ir-raġjonament u wkoll il-konklużjonijiet ta' l-ewwel Qorti. B'mod specjali taccenna għall-fatt li għalkemm Carmen Zahra qalet li ma tafx għaliex iffirmat il-kuntratt ta' separazzjoni tal-beni, żewġha stess xehed li *"Dan il-kuntratt sar fuq suġġeriment ta' marti, jiena darba minnhom mort għandha biex nara t-tfal u qaltli li hi xebgħet b' dik il-ħajja u talbitni nagħmel il-kuntratt*". Kontro-eżaminat kompla jgħid li "*Eventwalment il-mara saret taf li kelli ħafna dejn u kienet saret taf bil-problemi li jiena kelli u għalhekk kienet talbitni biex*

*nagħmel il-kuntratt”.*[4] Kif osservat l-ewwel Qorti, din l-istqarrija turi bic-car li l-konvenuta kienet altru minn konxja tas-sitwazzjoni u li dak li għamlet għamlitu bil-ħsieb li ttellef lill-attur minn dak li hu dovut lilu skont il-ligi.

10. L-appellanti konvenuti jsostnu li lanqas ma kien jeżisti l-*consilium fraudis* fil-konfront ta’ Charles Zahra. Irrizulta li l-ewwel Qorti kienet ukoll itrattat dan il-punt fir-rigward ta’ Charles Zahra u kienet anke għamlet riferenza għal sentenzi li rritenew li hu biżżejjed li jkun hemm ix-xjenza u l-previżjoni li l-att sejjer ikun leżiv għall-kreditur sabiex tiġi eżercitata l-azzjoni revokatorja; u wkoll li l-intenzjoni frawdolenta tad-debitur hija preżunta meta jagħmel atti li bihom isir insolvibbli. Kif ikkonkludiet l-ewwel Qorti, Charles Zahra kien konsapevoli li l-unici assi kienu d-dar u l-għamara li kienet tinsab fiha. Bil-kuntratt ta’ l-1998, dawn l-assi ma baqgħux jidhru fuq ismu u b’hekk ġie ppreġudikat l-appellant kreditur. Jiġi del resto osservat li Charles Zahra ma ppruvax li għandu beni parafernali biex jissodisfa d-dejn li kellu mal-kreditur sabiex juri li bil-kuntratt in kwistjoni ma kienx ser jiġi ppreġudikat l-appellat kreditur kif eccepixxa fis-sitt eccezzjoni tiegħu.

11.1 Fit-**tielet** aggravju tagħhom, l-appellanti jaccennaw għall-fatt li huma, wara l-iffirmar tal-kuntratt tax-xoljiment tal-komunjoni ta’ l-akkwisti, ma baqgħux jgħixu flimkien bħala koppja miżżewġa. Dan ovvjament jgħiduh sabiex jippruvaw jikkonvincu lill-Qorti li l-kuntratt impunjat kien relatat mas-separazzjoni tagħhom bħala koppja u li ma kienx manuvra biex ineħħu u jiddisponu mill-attiv soġġett għall-ezekuzzjoni tad-drittijiet tal-kreditur appellat. Huma jgħidu hekk fir-rikors ta’ l-appell tagħhom: *“….ir-relazzjoni ta’ bejniethom ippeġġjorat u l-mara riedet tieħu sehmha u ma jkollha x’ taqsam xejn aktar minn ma’ żewġha Charles Zahra….”*. Li kieku l-mara fil-fatt ħadet “sehemha” mill-komunjoni ta’ l-akkwisti, l-argument tagħhom kien ikun iktar verosimili, iżda fil-fatt il-mara ma ħaditx sehemha, (u cioe` nofs l-attiv u nofs il-passiv) iżda ħadet <u>l-attiv kollu</u> tal-komunjoni ta’ l-akkwisti filwaqt illi żewġha baqa’ bid-djun

[4] fol 127 tal-process

biss u din il-kostatazzjoni ta’ fatt iddghajjef sew it-tezi tal-appellant u tirrendiha ferm improbabbli.

11.2 Di piu`, kif tajjeb osserva l-Kummissarju appellat fin-nota ta’ sottomissjonijiet tiegħu u fir-risposta ta’ l-appell, hija ħaġa pjuttost stramba (u kontradittorja) li minkejja l-fatt li s-sitwazzjoni konjugali tagħhom kienet daqshekk ħażina, Charles Zahra kien tant ġeneruż li għadda l-proprjeta` kollha tal-komunjoni ta’ l-akkwisti lil martu u hu għażel li jieħu biss id-djun! Kull kumment iehor f’dan ir-rigward ikun superfluwu.

Għal dawn ir-raġunijiet kollha, din il-Qorti hija tal-fehma li s-sentenza appellata hija waħda ġusta u timmerita konferma.

Għalhekk din il-Qorti tiddeciedi, billi tiċħad l-appell interpost mill-konvenuti u tikkonferma in toto s-sentenza appellata bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi jitħallsu mill-appellanti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------